**ĦAL TARXIEN**

**MINUTI**

**GVERN LOKALI ĦAL TARXIEN**

IS-SEBA' LEĠISLATURA 2013 - 2019

**SEDUTA NUMRU 70/07**
L-Erbgħa 26 ta' Lulju 2017 fil-5.30pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali f'73 Triq Santa Marija, Tarxien.

**PREŻENTI**

| | | |
|---|---|---|
| *PAWLU FARRUGIA* | *SINDKU* | |
| *KEITH DARMANIN* | *VIĊI SINDKU* | *WASAL 6.10PM* |
| *FRANCIS AGIUS* | *KUNSILLIER* | |
| *LAWRENCE BONAVIA* | *KUNSILLIER* | *IRTIRA FI 6.30PM* |
| *ISHMAEL DALLI* | *KUNSILLIER* | *ASSENTI* |
| *DORIS VELLA* | *KUNSILLIER* | *IRTIRAT FIS -7.15PM* |
| *LUKE GENUIS* | *KUNSILLIER* | |
| *TRISTAN MERCIECA* | *AMBAXXATUR VOT16* | *SKUŻAT* |
| *ANTONELLA GALEA* | *SEGRETARJU EŻEKUTTIV* | |

---

**AĠENDA**

70.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
70.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
70.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
70.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
70.5 Rapporti;
70.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 56/07;
70.7 Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;
70.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati;
70.9 Mozzjonijiet;
70.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss
.

**TALBA**
**Is-Sindku qal it-talba u ppresieda l-laqgħa.**

## 70.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġijia

**i.** Is-Seg. Eżek. infurmat lill-Kunsill li kienuma kenitx irċeviet ittri ta' apoloġiji mingħand xi Kunsillieri. *Ittri ta' Apoloġija*

## 70.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

*Iffrmar tal-Minuti*

**i.** Il-Minuti tal-Laqgħa Nru. 69/2017 tal-15 ta' Ġunju 2017 ittieħdu bħala moqrija peress li ġew iċċirkulati minn qabel. Il-Minuti ġew iffirmati mis-Sindku Sur Paul Farrugia u mis-Segretarju Eżekuttiv is-Sna Antonella Galea.

## 70.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

**i** Is-Sindku Paul Farrugia nforma lill-Kunsill li fil-każ tal-Kuntrattur VELLA GROUP LTD, l-Avukat tagħna kkuntattjana u qalilna li s-Sur Vella jrid jerġa jiltaqa' magħna. *Pendenzi mal-Kuntrattur Vella Group Ltd*

**i.i** Saret diskussjoni dwar dan u l-Kunsill qabel unanimament li alissa jibqa' ma jħallasx u li nerġgħu nikkuntattjaw lill-Avukat tagħna u ngħidulu li l-Kunsill ma jħossx li għandu jerġa jiltaqa' mal-kuntrattur meta diġa fil-passat ltqajna miegħu kemm il-darba u dawn il-laqgħat ma wasslu għal xejn.

**ii.** Rigward il-każ ta' vandaliżmu li kien sar fuq il-gazebo fi Ġnien Veliko Turnovo, is-Sindku qal li l-iSpettur kien qallu li biex jirkupra l-flus l-Kunsill kellu jiftaħ kawża ċivili. *Vandaliżmu – Ġnien Veliko Turnovo*

**ii.i** Il-Kunsill iddiskuta dan il-każ u qabel unanimament li ma kenitx vijabbli li tinfetaħ kawża oħra ċivili biex jiġu rkuprati l-flus.

**iii.** Rigward it-turf tal-ground 5 aside is-Sindku nforma lill-Kunsill li wara l-laqgħa li kienet saret ma' Cassar Shiprepair konna għadna qed nistennew risposta mingħand l-istess Cassar Ship Repair wara li s-Sur Cassar kien baqa' magħna li kellu jkellem lill-kumitat biex jara minn kien qed jagħmel użu mill-ground bħala Tarxien Rainbows. *Turf tal-ground 5 aside*

**iii.i** Sadanittant is-Sindku qal ukoll li l-avukat tagħna qed iżommna aġġornati bl-eżitu tas-seduti fejn kien qed ikompli jinstema l-Appell.

**iv.** Is-Sindku informa lill-Kunsill li fir-rigward tat-tender għat-toroq issa li l-etenders infetħu u l-kuntrattur intgħażel, il-Kunsill kien setgħa jmexxi skond il-proċedura sabiex jibda l-asfaltar ta' ċerta toroq. Żied jgħid is-Sindku Paul Farrugia li l-ewwel toroq li kienu ser jiġu asfaltati kienu Triq Annetto Caruana minn fejn id-daħla taċ-Ċimiterju tal-Erwieħ u k/m Triq Santa Marija sa quddiem il-Kunsill Lokali. *Tender toroq*

**iv.i** Il-Kunsill qabel unanimament mas-suġġeriment tas-Sindku.

**iv.ii** Is-Sindku żied jispjega wkoll li fir-rigward tal-inizjattiva li kull Reġjun kellu jingħata €100,000 għall-asfaltar tat-toroq u li kienet diġa ġiet mressqa lill-membri tar-Reġjun u kull lokalita' membru kellha tressaq il-proposti tagħha, aktarx li din l-inizjattiva kienet ser tinbidel xi ftit biex tkun tista takkomoda aktar Kunsilli. *Inizjattiva €100,000 kull Reġjun*

**v.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar l-inċident fuq il-Monument tal-Vittmi tal-Gwerra erġajna tkellimna mal-avukat u ser jara x'jista jsir. Il-Kunsillier Frans Agius qal li proprju dak kien l-argument biex f'każ ta' mistoqsija aħna nkunu koperti bil-parir tal-avukat. *Inċident monument – Avukat UNTOURS*

**vi.** Rigward il-*bins* mitluba mill-Iskola St Thomas Moore fl-inħawi barra l-entratura tal-Iskola kif ukoll *bins* tar-riċiklaġġ ġewwa l-Iskola li kienu ġew approvati u li kienu ser ikunu sponsorjati mill-istess Green MT, is-Sindku kkonferma li kienu għadhom ma sarux. *Laqgħa GREEN MT – Bins*

**vii.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li għalkemm għal darb'oħra konna ktibna lit-TM sabiex ninfurmawhom li kien ġie nnotat li parti mill-konkos li sar ġdid fi Triq B'Bugia diġa kien qed jisfronda, u li s'issa t-TM ma kenux ħadu l-passi li jidhrilhom xierqa, u wisq anqas ma kienu għadhom weġbuna, huwa seħaq li kienet importanti li tittieħed azzjoni għaliex kienet qed *Triq B'Bugia*

tiggrava sitwazzjoni.

**vii.i** Saret diskussjoni u ġie deċiż li tibqa tintbgħat reminder lit-TM u nibqgħu ninsistu magħhom li tittieħed azzjoni.

**viii.** Rigward ĊIRKOLARI 16/2016 – Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv. Is-Seg. Eżek. reġgħet infurmat lill-Kunsill li għal darb'oħra d-DLG kien reġa bgħat reminder dwar dan. ĊIRKOLARI 16/2016 – Ħatra ta' Deputat Seg. Eżek.

**viii.i** Il-Kunsill għal darb'oħra qabel li jibqgħu mad-deċiżjoni li jistennew direzzjoni mingħand l-Assoċ. Kunsilli Lokali.

**ix.** Il-Kunsillier Lawrence Bonavia nforma lill-Kunsill li kien kellem lil sidien ta' xi ħwienet u qalulu li l-proposta ta' bins apposta għal bozzoz ma kenitx daqstant vijabbli għaliex in-nies kienu qed jixtru ammont ta' bozzoz u mhux bozza bozza. Kunsillier Bonavia – suġġeriment bins għall-bozzoz

**ix.i** Il-Kunsill iddiskuta dan il-każ u unanimament qabel li dawn il-bins ma jsirux u għaldaqstant ikkunsidra dan il-każ magħluq.

**x.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fir-rigward tas-sinjali tal-art fit-toroq B'bugia, Palma, u Luqa, ladarba d-DLG anke wara li erġajna ktibnilu sabiex jerġa jikkonsidra r-risposta li kien tana fejn spjegajna li dan kien każ straordinarju, kif ukoll in vista tal-fatt li konna bqajna bla risposta konkreta, kien qed jissuġġerixxi li l-Kunsill iħallas il-kontijiet pendenti mal-KOPTASIN. Sinjali tal-Art

**x.i** Il-Kunsill iddiskuta dan il-każ u qabel unanimament mas-suġġeriment tas-Sindku u għaldaqstant ġie deċiż li l-kontijiet kollha pendenti mal-KOPTASIN jitħallsu.

**xi.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fuq il-proposta tal-Kunsillier Lawrence Bonavia li kien issuġġerixxa li fuq it-tabelli fejn hemm l-irħula membri jiktbu wkoll Reġjun Xlokk, kienet qed tiġi diskussa fl-AKL. Tabelli – Reġjun Xlokk

**xii.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fir-rigward tal-Proġett Citimobilnet konna għaddejna l-kontijiet kollha relatati sabiex niġu rifużi. Citimobilnet

**xiii.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien għal darb'oħra reġa fakkar lit-TM dwar il-bus shelter ta' Triq Palma. Qal is-Sindku li kien mar ħa ritratti, ta spjega lill-Awtoritajiet ta' TM u bgħat kollox relatat. Żied jgħid Paul Farrugia li kellu nformazzjoni li t-TM kienet ħarġet sejħa għal tender imma jidher li din kellha tiġi rtirata għaliex l-ex kumpanija FACES kellha xi klawsola fil-kuntratt tagħha li qegħda tiġi mistħarrġa. Bus Shelter Triq Palma

**xiv.** Is-Sindku Paul Farrugia qal li fir-rigward tal-garanziji tat-toroq Paola u Santa Marija, għalkemm kien qed jintbgħat *reminder* lit-TM dawn min-naħa tagħhom baqgħu qatt ma weġbuna lura. Għaldaqstant żied jgħid is-Sindku li kien qed jissuġġerixxi li dawn it-toroq isiru bil-kuntratt attwali, u ġdid tar-resurfacing tat-toroq. Garanziji – Triq Paola u Triq Santa Marija

**xiv.i** Il-Kunsill iddiskuta dan il-każ u unanimament qabel mas-suġġeriment tas-Sindku li toroq Paola u Santa Marija jiġu nklużi mal-programm tal-asfaltar tat-toroq.

**xv.** Is-Seg. Eżek. infurmat lill-Kunsill li l-Photocopier il-ġdida kienet waslet u qed tiffunzjona. Photocopier

*Il-Viċi Sindku Keith Darmanin wasal fis-6.10PM*

**xvi.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fir-rigward tail-każ sabiex it-TM jirrikunsidraw li double yellow lines fi Triq Pellikani Nru. 80, St Michael, jiżdiedu u minflokk metru fuq kull naħa tal-garaxx jitwalu u jiġu 2.5 u nofs fuq kull naħa, qal li din kien oġġezzjona fuqha u qal ukoll li din l-anqas biss kien hemm permess ta' *change of use* mal-PA. Talbiet mit-TM

**xvii.** Is-Seg. Eżek. infurmat lill-Kunsill li kien hemm talba għal *motor cycle bay* fl-indirizz 107 Amour D'Avril, Triq Tempji Neolitiċi li ma ġietx milqugħa mit-TM.

**xviii** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien hemm permess għal triq il-Knisja fejn skond it-TM jidher li il-Kunsill ma kienx mexa mal-linji gwida tal-istess TM sabiex fit-toroq fejn tgħaddi tal-linja ix-xogħol ma setax jinbeda qabel id-9.30am u għaldaqstant il-Kunsill kien vijabbli li jeħel multa

ta' €500. Paul Farrugia żied jgħid li dwar dan kien kellem mill-ewwel lil min kellu jkellem u tagħhom spjegazzjoni u TM talbuh biex jibgħat kollox bil-miktub u kellom jerġaw jaraw l-affarijiet.

**xix.** Is-Sindku Paul Farrugia nforma lill-Kunsill li dwar xogħol bla permess li kien sar fejn il-knisja parrokkjali fejn kuntrattur kien qabad u ħaffer trinka ftit jiem qabel il-festa u ma kienx għamel ir-reinstatment kif suppost, ġie nfurmat mit-TM li tali kuntrattur kien weħel multa ta €500. — Tħaffir ta' trinka biswiet il-knisja parrokkjali

**xx.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fir-rigward tal-proposta li jinbena Reachout Centre mir-Reġjun Xlokk fuq art devoluta lill-Kunsill Lokali Ħal Tarxien fi Triq Marija Addolorata biswiet Triq Ħal Luqa, u li l-Gvern Ċentrali kien diġa alloka €200,000 li dawn diġa kienu ġew trasferiti fil-kont tar-Reġjun Xlokk, issa kien qiegħed fil-proċess li joħroġ tender għall-perit għal dan il-proġett speifikament. — Reachout Centre

**xxi.** Is-Sindku Paul Farrugia nforma lill-Kunsill li fir-rigward tal-ħaddiema li l-Kunsill kellu assenjati miegħu, fil-preżent kienu qegħdin jitfasslu miżuri kif kellom jitqassmu aħjar dawn il-ħaddiema bejn il-Kunsilli Lokali kollha. — Ħaddiema assenjati mal-Kunsill

**xxii.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ladarba x-xogħol fuq il-gazebo l-kbira fi Ġnien Veliko Turnovo kien tlesta, kien ser jerġa jkellem lis-Sur Denis Calleja biex jerġa jibda jopera minn ġewwa l-Gazebo. — Gazebo - Ġnien Veliko Turnovo

**xxii.i** Il-Kunsill unanimament qabel ma dan is-suġġeriment.

**xxiii.** Is-Seg. Eżek. infurmat lill-Kunsill li kienet għad ma rċevietx tweġiba mingħand il-kuntrattur li għandu t-tender għas-Servizz ta' Accountant dwar xogħol extra relatat mad-Direttiva 1/2017 mibgħuta mid-DLG. Żiedet tgħid li ladarba jkollha risposta kienet ser tressaq din il-kwotazzjoni għall-kunsiderazzjoni tal-Kunsill. — Tender għas-Servizz tal-Accountant

**xxiii.i** Il-Kunsill iddiskuta dan il-każ u unanimament qablu li nistennew tali kwotazzjoni mingħand dan il-kuntrattur għal dan ix-xogħol extra.

**xxiv.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-fondi ta' UIF li kienu maħsuba sabiex jintużaw għal Ġnien Kurunell Mass qiegħed jissuġġerixxi li minflokk jintużaw għat-toroq li bħalma jaf kulħadd żgur kienet prijorita' fir-raħal. Żied jgħid li dan kien qed jitolbu wkoll in vista tal-fatt li għall-proġett ta' Ġnien Kurunell Mass kien applika taħt l-iskema Community Innovation Fund. Qal ukoll li l-ammont f'dan il-fond kien ta' €61,000. Qal ukoll li kien qed jistenna l-Perit tal-Kunsill li ried jikkompila formula sabiex il-Kunsill setgħa jibbenefika minn dawk il-fondi. — Fondi UIF

**xxv.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kienet għaddejja korrispondenza bejn il-Kummissjoni Elettorali, il-Kunsill Lokali Fgura u residenta fi blokka ta' appartamenti ġodda "The Willows" fi Triq San Mikiel il-Fgura u dan il-Kunsill Lokali. Żied jispjega s-Sindku li l-Kumm. Elettorali u l-Kunsill Lokali Fgura qed jallokaw din il-binja ġewwa l-konfini ta' Ħal Tarxien. Is-Sur Farrugia qal li dwar dan għad irid imur jiċċekkja ħalli jivverifika sew l-affarijiet qabel ma nikkonfermaw jew noġġezzjonaw għal xi ħaġa. Qal li ser ikun qed jirraporta f'laqgħa oħra li jmiss. — Blokka apaprtamenti ġodda fi Triq San Mikiel Fgura

**xxvi.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kienet waslet l-uffiċju talba mingħand id-Direttur tat-Tarxien Youth Centre Ċirkolu San Ġwann Bosco biex jagħmlu użu tal-ground 5 aside u d-dressing rooms. — Talba użu tal-ground

**xxvi.i** Saret diskussjoni mill-Kunsill dwar dan u ġie maqbul unanimament li peress li hemm kawża pendenti l-Qorti minħabba t-turf tal-grawnd u għaldaqstant tali ground ma jistax jintuża, għandna ninfurmaw lis-Sur Farrell dwar dan u nitolbuh li jekk kemm il-darba jixtieq li ground jużawh xorta waħda jridu jagħmlu dikjarazzjoni bil-miktub li la l-Kunsill u lanqas Cassar Ship Repair ma kienu ser jinżammu responsabbli fl-ebda mument u għall-ebda raġuni.

**xxvii.** Is-Sindku Paul Farrugia staqsa lill-Kunsillieri jekk xi ħadd minnhom setax jirrakomanda lil xi ħadd sabiex jgħina fil-mili ta' rapport dwar pv system taħt il-proġett tal-ERDF 213 – *Sustainable Tourism in a Village of Culture*. Il-Kunsillier Luke Genuis qal li kien jaf Inġinier li pero dan kien jiġi kuġin prim tiegħu. Il-Kunsill ħa nota dwar dan u aċċetta u unanimament qabel li l-Kunsillier Luke Genuis jagħmel kuntatt miegħu sabiex jara jistax jgħina fil-mili ta' dan ir-rapport. — PV System – Proġett ERDF213

*Il-Kunsillier Lawrence Bonavia rtira mil-laqgħa fis-6:30PM*

**xxviii.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-AKL kienet bgħatet korrispondenza fejn ħabbret l-attivitajiet tal-Ġimgħa Ewropea Għall-Mobilita' li ser issir bejn is-16 u 22 ta' Settembru 2017. Ġimgħa Ewropea Għall-Mobilita' li ser issir bejn is-16 u 22 ta' Sett'17

**xxviii.i** Il-Kunsill iddiskuta dan il-każ u unanimament qabel li ma kellux attivitajiet x'jipproni u għaldaqstant ma kienx ser jipparteċipa.

**xxiv.** Is-Sindku nofrma lill-Kunsill li l-Għaqda Tan-Nar San Gabriel kienet bgħatet korrispondenza fejn fiha wriet l-apprezzament tagħha lejn il-Kunsill għall-għajnuna waqt il-Festa tar-raħal. Apprezzament Għada tan-Nar San Gabrijel

**xxv.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li konna rċevejna invit mingħand MISS MALTA 2017 għal nhar il-25 ta' Novembru 2017. Il-Kunsill unanimament qabel li jattendi l-Viċi Sindku Keith Darmanin. Miss Malta 2017

**xxvi.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kienet waslet kwotazzjoni mingħand MALTA FLAGS għall-bandiera biex tiddendel mal-arblu l-ġdid fir-roundabout ta' Triq Palma Ħal Tarxien. L-valur tal-kwotazzjoni kienet ta' €1,085.60. Bandiera – Roundabout Triq Palma

**xxvi.i** Saret diskussjoni dwar dan u ġie maqbul li alissa nistennew filwaqt li l-Kunsillier Frans Agius ser jipprova jiġbor xi kwotazzjonijiet oħra.

**xxvii.** Is-Seg. Eżek. infurmat il-Kunsill li konna qed nirċievu ittra mingħand MELITA plc dwar xi ammont pendenti. Is-Seg. Eżek. spjegat li l-Kunsill qabel ma kien ittermina l-kuntratt kien issetilja kollox u ma kellux invoices pendenti. Meta iċċekjaw dwar dan il-bilanċ li qed jiġi mitlub xi ħadd mill-Customer Care tal-MELITA kien infurmaha li dan l-ammont kien għaliex jidher li xi darba meta kien hemm xi ħsara teknika fl-internet taċ-ċentru komunitarju, xi technician minn tagħhom kien mar dirett ċ-Ċentru Komunitarju u sab il-bieb magħluq u dan minflokk kif avżat li l-ewwel kellu jgħaddi l-uffiċċju tal-Kunsill Lokali biex imur xi ħadd miegħu u jiftaħlu. Skond tal-Customer Care dan irriżulta f'penali. Aħna dejjem oġġezzjonajna għal dan għaliex in-nuqqas kien min-naħa tal-Melita li ma żammewx mal-istruzzjonijiet mogħtija lilhom hekk kif kien maqbul. Bilanċ mal-MELITA plc

**xxviii.** Saret diskussjoni dwar dan u l-Kunsill unanimament qabel li dan il-bilanċ/penali ma jitħallasx.

**xxix.** Is-Sindku nofrma lill-Kunsill li kien għadu qed jipprova jagħmel kuntatt mal-Kuntrattur li kien ħadmilna l-pavimentar ta' Ġnien Veliko Turnovo sabiex tiżdied tarġa oħra mat-taraġ ta' fejn il-latrina. Tarġa fejn lattrina pubblika

**xxx.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kienu ntbgħatu l-emails mill-Kunsill lil kull min kien ġie elett fuq id-distrett ta' Ħal Tarxien kif ukoll għall-kariga li kienu ħadu. Emails Membri Eletti

**xxxi.** Is-Seg. Eżek. infurmat lill-Kunsill jekk kienx hemm qbil li:-

1) *t-tender Tal-Perit tal-Kunsill tiġġeddidx għal sena oħra ? Hawnhekk il-Kunsill qabel unanimament li tiġġedded;*

2) *peress li l-kuntratti tal-Bulky Refuse li kien ser jiskadi f'Diċembru 2017, filwaqt li tal-Latrina Pubblika u tal-Ġbir ta' Skart Domestiku kienu ser jiskadu f'Marzu 2018 kienx hemm qbil li nibdew naħsbu sabiex jinħarġu sejħiet ġodda ?.*

   *Hawnhekk is-Sindku ssuġġerixxa li ladarba l-kuntratt tal-Latrina Pubblika kien ser jiskadi ma jinħariġx ieħor u dan għaliex kellu l-ħsieb li jibda juża l-ħaddiema assenjati mal-Kunsill.*

   *Saret diskussjoni dwar dan u l-Kunsill unanimament qabel li fir-rigward tal-Bulky Refuse u tal-Ġbir tal-Iskart Domestiku nibdew naħsbu għal sejħiet ġodda, filwaqt li għal-latrina pubblika jimxu mas-suġġeriment tas-Sindku li ma tinħariġx sejħa ġdida u minflok nibdew nużaw il-ħaddiema assenjati mal-Kunsill Lokali.*

*Il-Kunsilliera DorisVella rtirat mil-laqgħa fis-7:15pm.*

**70.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

Il-Kunsillier Frans Agius qal li fi Triq Sta Tereza kien qed ikun hemm ta' sikwiet skart goff mormi fuq il-bankina. L-aħħar li kienu tefgħu kienu ramew sufan, xi injam u xi biċċiet ta' għamara u dawn kienu damu hemm ġimgħa barra. Żied jgħid li jidher li kienet ġiet toqgħod hemm xi Komunita' barranija u li dawn dak kollu li ma ridux gewwa d-djar tagħhom kienu qed jitfawħ barra. Is-Sindku ħa nota ta' dan filwaqt li talab lill-Kunsill sabiex jekk jinnotaw affarijiet bħal dawn jirraportaw mill-ewwel l-uffiċċju tal-Kunsill sabiex tittieħed azzjoni immedjata.

**70.5 Rapporti**

**i.** Ma kien hemm rapporti biex jiġu mgħoddija fil-laqgħa.

**70.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

Ġiet mressqa l-iSkeda ta' Pagamenti 56/07. Din l-iSkeda ġiet approvata b'mod unanimu u ġiet iffirmata mis-Sindku, mis-Seg. Eżek. u minn żewġ Kunsilliera.

**70.7 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa**

Ma kienx hemm x'jiġi rrapurtat.

**70.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati**

**i.** Ma kienx hemm rapporti tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati x'jiġu diskussi

**70.9 Mozzjonijiet**

**i.** Ma kienx hemm Mozzjonijiet imressqa sa mhux iktar tard minn 6 ijiem mid-data ta' din il-laqgħa.

**70.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**i.** Il-laqgħa ntemmet fis-7:30pm.

**ii.** Laqgħa oħra kienet ser tinżamm nhar l-Erbgħa 23 ta' Awwissu 2017 fil-5.30pm.

Iffirmati

**Kav. Paul Farrugia KLJ CMLJ**
**Sindku**

Iffirmati

**Sna. Antonella Galea**
**Seg. Eżek**